# Espressjoni ta' Interess

## Produzzjoni ta' Riżorsi tal-Litteriżmu bil-Malti

**L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa’ espressjonijiet ta’ interess mingħand pubblikaturi u entitajiet oħra interessati li joħolqu u jippubblikaw materjal edukattiv bil-Malti. Dan jista' jkun għodda għat-tisħiħ tal-litteriżmu bħal kotba tal-qari u riżorsi *dyslexia friendly* li jappellaw għat-tfal li jsibuha diffiċli jaqraw, leħħiet, kartelluni, kotba diġitali, apps, eċċ. Il-materjal sottomess irid ikun jaqbel mal-għanijiet tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu.**

**Il-proġetti li jintgħażlu jiġu sponsorjati sa €2,500 mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u jkunu marbuta b'għadd ta' kundizzjonijiet, fosthom li jridu jitlestew sa żmien stipulat mill-Aġenzija.**

**L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tirriserva d-dritt li tirrifjuta kull proposta għall-isponsorjar, jekk il-proġett ippreżentat ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti mill-Aġenzija wara li ssir evalwazzjoni ta' kull proposta.**

**Is-sottomissjonijiet jintlaqgħu tul is-sena 2023 u għandhom jintbagħtu b’ittra elettronika lil diana.borg.3@ilearn.edu.mt jew bil-posta lis-Sa Diana Borg, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun HMR1304. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Sur David Muscat billi ċċempel 2598 2907.**

**GVERN TA’ MALTA**
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

National Literacy Agency

